TAGHRIF ĠENERALI



# 30 sena ta' ħidma

Meta fit-13 ta' Mejju ta' l-1972, l-Arċisqof Gonzi fetaħ mill-ġdid il-Knisja l-Qadima ta' Santa Marija, ftit kienu jobsru xi żvilupp kienet ser tieħu il-komunità ta' madwar il-knisja.

L-istorja tal-Knisja l-Qadima però, tmur ferm lura fis-snin, meta fis-Seklu Sittax ġiet mibnija bil-ħidma tal-magħruf Kappillan, Dun Filippu Borg. Il-knisja inbniet fuq pjanta ta' Vitor Cassar u tkompliet minn Tumas Dingli. Fost l-altari, kien hemm wieħed dedikat lill-Madonna tar-Rużarju u ieħor lill-Assunta flimkien ma' San Pawl u Sant'Elena. Il-parroċċa bdiet tikber u għalhekk ġiet mibnija knisja akbar, dik li eventwalment saret il-kolleġġjata ta' Sant'Elena. Sfortunatament din il-knisja tħalliet magħluqa għal wisq żmien, bir-riżultat li bdiet taqa' ftit ftit. Lejn l-aħħar tas-Snin Sittin, bidu tas-Sebgħin, eżattament f'xi l-1970, kienet inħasset il-ħtieġa li jibda r-restawr tagħha. Interessanti li anke l-Arċisqof Gonzi kien jinteressa ruħu fix-xogħol li jkun għaddej.

L-ispiża tar-restawr kienet kbira u l-Kapitlu Elenjan ħareġ somma mhux żgħira ta' flus biex jagħmel tajjeb għal ħafna mill-ispejjeż mitluba minn restawr hekk kbir. Tifkira ħelwa li għandhom ħafna nies hi ta' kif, kemm -il darba semgħu l-quddies taħt l-umbrelel. Dan peress li kien għad m'hemmx saqaf ħlief fis-sagristija fejn kien ikun armat l-artal, u allura kulħadd kien ikun (minbarra s-saċerdot u xi ftit nies) fil-miftuħ. Għalhekk meta kienet tagħmel ix-xita, ħoll xagħrek u ġib iż-żejt. Fost in-nies tas-sengħa kien hemm l-imgħallem Abraham Schembri li flimkien ma' għadd ta' ħaddiema oħra, imħeġġa mill-magħruf Kanonku Dun Viċenz Saliba, kienu jaħdmu bla heda, sabiex, ġaladarba titlesta l-korsija, x-xogħol ikompli fuq il-partijiet l-oħra tal-knisja. Dun Viċenz Saliba ħadem u stinka sabiex jara lil din il-knisja mogħtija lura d-dehra li jixirqilha. Persuna oħra li xieraq infakkru kien Ġużeppi s-sagristan li, ħabrek u ħadem, għalkemm diġà ta' età avanzata, sabiex tiġi rranġata l-Knisja u li wara bħala sagristan tant ħa ħsieb li ma jkun jonqos xejn fil-Knisja. Niftakru fih fit-talb tagħna.

*Ikompli paġna 21*



Ritratt fejn jidhru Ġużeppi u Abraham

## TAGHRIF ĠENERALI



Dun Pawl Camilleri f'konferenza stampa waqt il-kampanja "Insaslvaw wirt nazzjonali"

Iż-żmien kompla għaddej u r-retturi kollha komplew il-ħidma ta' restawr u ta' xogħol pastorali. Fl-1986 kien għall-ewwel darba maħtur saċerdot, mill-Arċisqof, biex jibda jieħu ħsieb il-komunità. Dan kien Dun Pawl Camilleri mill-Floriana, li ħabrek sabiex ikompli r-restawr. Kien anke beda kampanja nazzjonali sabiex jinġabru fondi għal dan il-għan. Il-komunità sadanittant kompliet tikber u nħasset il-ħtieġa li jinbena Ċentru Parrokjali, li tlesta u tbierek fl-1989.

Wara Dun Pawl ġie Dun Faustino Ellul minn Ħaż-Żabbar. Hu kompla x-xogħol ta' restawr u bl-organizzazjoni tal-komunità li, permezz ta' digriet maħruġ mill-Kurja fil-25 ta' Marzu 1992, ġiet magħmula Żona Pastorali Awtonoma bil-ħidmiet kollha ta' Parroċċa.

Fl-1998 ġie Dun Ġwann Sammut mill-Mosta li anke hu kompla għaddej bir-restawr, bħat-tikħil fuq il-kampnar u fuq il-bejt tal-knisja, flimkien ma' aktar xogħol pastorali fil-komunità. Hu xieraq li f'din l-okkażjoni nirringrazzjaw lil dawk kollha li taw u għadhom jagħtu sehemhom volontarjament fil-komunità. Jalla aktar nies jipparteċipaw fil-ħidma parrokkjali ta' din il-komunità dedikata lil Ommna Marija mtellgħa s-sema.

il-Veduta

RESTAURANT
PIZZERIA
CAFETERIA
& TAKE AWAY

Saqqajja Square, Rabat
Malta
Tel: 2145 3656, 2145 4666
Fax:2145 4660
email: veduta@globalnet.mt



SWEEPSTAKE
CASH & CARRY

Triq Kelinu Galea, B'Kara
Tel: 2148 9968
Mob: 79495404

Joe's Butcher

29, Naxxar Road, B'Kara

Best Quality

Fresh & Frozen Meat
Free Delivery
Tel: 2148 8479